Minuti tal-ewwel (01/7) laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Il-Gudja li ġiet msejjħa fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Il-Gudja nhar il-Ġimgħa 05 t'April 2013 fis-6.00p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku: | Is-Sur John-Mary Calleja |
| | Viċi-Sindku: | Is-Sur Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri: | Is-Sur Mark Anthony Sammut |
| | | Is-Sinjorina Demelsa Grech |
| | | Is-Sur Stefan Caruana |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Is-Sur Joseph M. Formosa |
| | Attenda ukoll: | Dr. Noel Bartolo (Commissioner of Oath) |

Aġenda:-

1. Aċċettazzjoni tal-kariga ta' Sindku

2. Aċċettazzjoni tal-kariga ta' Viċi-Sindku

3. Aġġornament

***Bidu tal-laqgħa***

Il-laqgħa bdiet fis-6.00p.m. wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

Ġie konfermat illi s-Sur John-Mary Calleja k/a Mario huwa s-Sindku elett

Ġie konfermat ili s-Sur Romeo Baldacchino huwa l-Viċi-Sindku elett.

L-Avukat Dr. Noel Bartolo li huwa Commissioner of Oath, amministra l-ġurament tal-ħatra kemm lis-Sindku s-Sur John-Mary Calleja kif ukoll lill Viċi-Sindku s-Sur Romeo Baldacchino.

Il-Kunsill kien tal-fehma li f'dan l-istadju ma kienx f'pożizzjoni li jaħtar membri tal-kumitati u jew sotto kumitati.

Is-Sindku nominat stqarr li kien sejjjer jiddelega bosta dekasteri sabiex kull Kunsillier elett ikun jista jaħdem għal ġid tal-Kunsill u għar-residenti kollha tal-Gudja skond il-ħiliet tiegħu u tagħha. Dan issir billi kulħadd jaħdem bħala team magħqud u f'sens ta' rispett u solidarjeta mal-Kunsillieri kollha sabiex d-deċiżjonijiet tal-Kunsill ikunu jirriflettu l-ħtiġijiet u l-prijorita tal-komunita Gudjana. Dawn id-deċiżjonijiet jittieħdu qrib in-nies u bil-galbu sabiex jiġi assigurat li l-Kunsill jikseb l-akbar valur għal kull infieq li jagħmel u li finanzi iservu aktar.

Is-Sindku għamel ukoll referenza għall-Ordinijiet Permanenti u talab sabiex dawn ikunu magħrufa sewwa u b'hekk il-laqgħat tal-Kunsill jitmexxew bl-akbar ħeffa u li dawn il-laqgħat ikunu ta' l-akbar ġid u fl-aħjar interess tar-residenti tal-Gudja.

Il-Kunsillieri ngħataw kopja tal-Att 363 li fih hemm inkorporati l-Ordnijiet Permanenti.

Għeluq tal-laqgħa

Il-membri tal-Kunsill qablu li l-laqgħat tal-Kunsill issiru kull l-aħħar Tnejn ta' kull xahar sakemm ma jkunx hemm ħtieġa li l-Kunsill jagħmel laqgħat f'xi ġranet oħra.

Aġġornament

Peress li s-suġġetti fuq l-Agenda ġew eżawriti s-Sindku aġġorna l-laqgħa għal nhar it-Tnejn 15 t'April 2013 fuq Agenda li tiġi ċirkulata qabel il-laqgħa tal-Kunsill.

Joseph M. Formosa
Segretarju Eżekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati:-